MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 219/2004

**Is-socjeta' Civili KPMG u Joseph Schembri, Alfred Cremona, Raymond Azzopardi, Tonio Zarb, Pierre Portelli, Hilary Galea-Naudi, Noel Mizzi, David Bamber, David Caruana u Anthony Pace**

**vs**

**Tripoli Office Limited (C 29859)**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, disa' mija u erba' liri Maltin u hamsin centezmu (Lm2,904.50) rapprezentanti hlas ghal servizzi professjonali debitament rezi u pprovduti lis-socjeta' konvenuta mill-atturi u a beneficcju ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet kummercjali

mid-data tas-servizz sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-31 ta' Mejju, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------